**40. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Eddie Fenech Adami ppropona:**

Peress illi fis-seduta numru 23 tat-3 ta' Frar, 1997 tal-Kamra tad-Deputati, ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-istess Kamra Regolamenti (Avviż Legali 13 ta1-1997) intitolati "Regolamenti ta' 1-1997 dwar in-Nollijiet ghal Servizz tal-Va1iġġa u tal-Passiġieri għal Għawdex", liema regolamenti saru bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att dwar it-Trasport Pubbliku (Kap 332), mill-Awtoritä dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport u Portijiet u bi ftehim mal-Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi.

Billi dawn ir-Regolamenti jipprovdu għal żieda sostanzjali fin-nollijiet kollha b'effett mit-3 ta' Frar, 1997 u dan anki fin-nollijiet sussisdjati ghal passiġġiera residenti f'Għawdex b'mod li f'ħafna mill-każijiet in-noll żdied aktar mid-doppju.

Billi dawn ir-Regolamenti ġodda jinjoraw l-aspett soċjali tat-trasport bejn Malta u Għawdex, qed joħolqu tbatija bla bżonn lill-Għawdxin li bilfors iridu jużaw it-trasport ta' spiss, se jgħollu l-prezzijiet tal-oġġetti u servizzi f'Għawdex u se joħonqu l-kummerċ f'Għawdex inkluż dak turistiku.

Billi skond l-artikolu 11 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249) regolamenti li jsiru taħt xi liġi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u jekk fi żmien tmienja u għoxrin (28) jum wara li jiġu hekk mqiegħda, il-Kamra tirrisolvi li għandhom jiġu annullati jew emendati, dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ jew jiġu hekk emendati skond il-każ iżda bla ħsara għall-validità ta' kull ħaġa li qabel tkun saret bis-saħħa tagħha jew għall-għemil ta' regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra ta' dik ix-xorta;

Billi għar-raġunijiet fuq indikati din il-Kamra jidhrilha li r-Regolamenti fuq imsemmija (Avviż Legali 13 tal-1997) m'għandhomx jibqgħu fis-seħħ;

Din il-Kamra tirrisolvi li għandhom jiġu annullati r-Regolamenti tal-1997 dwar in-Nollijiet għal Servizz tal-Va1iġġa u tal-Passiġieri għal Għawdex (Avviż Legali 13 tal-1997) u li dawn l-istess Regolamenti għandhom jieqfu minnufih mis-seħħ.

07.02.1997